MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Numru 698/2004

**Il-Qorti**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Versus**

**Nicholas Bellotti**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nicholas Bellotti ta' 32 sena bin Saviour u Rosaria nee Azzopardi, imwieled Bormla fid-9 ta' Marzu, 1972 u residenti Block 6A Flat 4, San Gwann t'Ghuxa Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 130772M

Akkuzat talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer matul Lulju 2004 u fil-granet ta' qabel u dawk ta' wara b'diveris atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe' cekkijiet tal-HSBC Bank li jappartjenu lil Ronald Bugeja billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal f'dawn il-pattijiet dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skitturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw dan bi ksur tala-rtikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att. Kitba jew skirtura falza, dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.Iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, cioe' cekkijiet tal-HSBC Bank fuq l-akkont ta' Ronald Bugeja illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew minn stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew bi\a' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerqq bi hsara ta' Ronald Bugeja HSBC Bank u diversi persuni ohra bi ksur tal-artikolu 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. ikkommetta serq ta' cheque book mahrug mill-HSBC Bank fuq l-akkont ta' Ronald Bugeja; liema serq huwa aggravate bil-persuna, u dan bi ksur tal-artikolu 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U talli b'hekk ikkommetta reat iehor fil-perjodu operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-d29 ta' Marzu 2004, liema sentenza saret definttiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' sejbien ta' ]tija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelid tal-imputat li jgib in-numru 1307 tal-1972, il-fedina penali tal-imputat,  il-current incident report a fol 20, id-dokument RB1 (chequebook), id-dokumenti RB2 u RB3 a fol 30 -33, id-dokument RB4 a fol 34, id-dokument RB 5 li huwa kuntratt ta' xoghol maghmul mill-imputat ma' Ronald Bugeja, id-dokumenti RB 6 u RB 7 (fol 37 sa 40), id-dokument RB8, id-dokument MB a fol49 u 50, is-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Nicholas Bellotti' (sentenza ta' piena sospiza), id-dikjarazzjoni maghmula mid-difiza li biha ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xhud tal-identita' tas-sentenza pprezentata, l-ispecimen signature li tidher fid-dok AG a fol 75, l-artikoli li ntbaghtu mill-Avukat Generali u d-dikjarazzjoni tal-imputat li biha qal li ma kellux oggwezzjoni li l-kaz jinstema' minn din il-Qori kif preseduta (fol78), u  r-rapport ta' Maryanne Zammit (Dok MZ), u l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed sabiex jahsibha.

Galadarba l-imputat ammetti l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Ligi.

Il-Qorti semghet hafna provi ghaliex l-ammissjoni ma kenitx wahda bikrija izda kienet wahda pjuttost tardiva. Jirrizulta li l-imputat kien ha c-chequebook tal-persuna li kienet qed thaddmu. Dan kien is-sur Roanld Bugeja li 24 jum wara li beda jhaddem lill-imputat induna li l-imputat kien seraq 6 cekkijiet u sarrafhom. (Ara fol 25). L-imputat kien ha Lm495.75. Kien hemm tentattiv beix cekk numru 96 jissarraf izda dan ma ssarrafx. A fol 47, l-imputat gharraf lill-Qorti li l-kunjatu tieghu, certu Freddie Mizzi, kien hallas l-ammont lill-Bank.

L-Avukat Generali dehrlu li kellha tisntab htija that dawn l-artikoli:

(a) 18 u 183 tal-Kap 9;
(b) 18 u 184 tal-Kap 9;
(c) 18 u 167 tal-Kap 9;
(d) 18 u 169 tal-KAp 9;
(e) 18, 308 , 309 u 310 tal-Kap 9;
(f) 18 u 334 tal-Kap 9;
(g) 18, 261(d) u 281 tal-Kap 9;
(h) Artikoli 28A-28H tal-Kap 9;

Il-Qorti fliet ir-rapport imhejji b'ghaqal kbir mill-Probation Officer. Jidher li l-imputat ghandu probelma serja tad-droga u li ghadu qatt ma ndirzza din il-problema b'konsistenza. Ghalhekk il-Qorti, hija u tittratta dwar il-piena, ser tikkonsidra dan ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tieghu.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 334, 261(d) u 281, mhix tiehu konjizzjoni tal-hames imputazzjoni ghaliex dina hija alternattiva ghas-sitt imputazzjoni, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tas-sitt u tas-seba' imputazzjoni, u qed tqis li l-ewwel u r-raba' imputazzjoni huma assorbiti fit-tielet imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Dwar il-piena l-Qorti qed tipprovdi kif gej:

(a) Wara li rat l-artikolu 28B, is-sentenza sospiza (ta' sentejn) ser tkun estiza b'sentejn ohra b'sehh mil-lum. Il-Qorti qed taghmel dan stante li dak li nsteraq intradd lura.

(b) Ghall-bqija tal-imputazzjonijiet li taghhom sabitu hati, il-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht is-sroveljanza ta' Probation Officer ghal tletin xahar. Bhala wahda mill-kundizzjonijiet tal-Probation, jekk hekk jidhirlu l-Probation Officer, l-imputat irid jattendi kors residenzjali jew part time kif jidhirlu l-Ufficjal tal-Probation. Lill-imputat il-Qorti qed tfehmu li m'ghandux cansijiet aktar u jekk jikser il-Probation Order il-konsegwenzi ser ikunu li ser tigi fis-sehh is-sentenza sospiza u maghha jrid jizdied perjodu iehor ta' prigunerija ghar-reati li llum qed jinghata probation ghalihom. Dan li jfisser l-artikolu 7 tal-Kap 446 u l-imputat jinhtieg mhux biss li jifhmu u jixtarru izda wkoll li jibdel hajtu jekk ma jridx konsegwenzi koroh.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------